Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka numru ta' motivi bbażati fost oħrajn:

— fuq żbalji ta' liġi, żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ksur tal-obbligu li jsir eżami b'attenzjoni meta tiġi eżaminata l-ħsara kkawżata mill-prattiki msemmija fl-ilment lill-funzjonament tas-suq intern, u dan peress li l-Kummissjoni sempliċement i) eżaminat biss il-livell medju tal-prezzijiet tal-offerti broadband fuq is-swieq bl-imnut mingħajr ma investigat il-kwistjoni ta' jekk dan il-livell ta' prezz kienx effettivament ta' natura li jiżvela l-prattiki msemmija fl-ilment u ii) evalwat b'mod suġġettiv in-natura antikwata tal-provvista ta' servizz ta' abbonament telefoniku;

— fuq motivazzjoni insuffiċjenti, żbalji ta' liġi u ta' fatt u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta l-Kummissjoni kkonkludiet li l-possibbiltà li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur kienet limitata ħafna, u dan sa fejn il-Kummissjoni:

  — ma pprovatx tinvestiga l-kwistjoni tan-natura diskriminatorja tal-prezzijiet effettivament iffatturati meta mqabbla mas-servizzi effettivament mogħtija u, b'mod żbaljat, sostniet li l-investigazzjoni preliminari ma kinitx żvelat indizji jew provi;

  — ikkunsidrat li l-metodu ta' kalkolu użat minn France Télécom sabiex tistabbilixxi t-tariffi tagħha ta' aċċess għal-linja lokali kien ġie vvalidat mill-Autorité de régulation des communications électroniques et des postes (Awtorità regolatorja Franċiża fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tal-posta, ARCEP) u qieset li l-fatt li France Télécom kienet ikkomunikat lil din l-awtorità informazzjoni żbaljata mingħajr ma pprovat tikkoreġiha huwa irrilevanti fid-dawl tal-metodu użat;

  — żnaturat l-għan tat-testijiet ta' eliminazzjoni mis-suq, ippreżentati mir-rikorrenti, li kien li jiġu stabbiliti l-effetti tal-prattiki msemmija fl-ilment;

— nuqqas ta' osservanza tal-garanziji li japplikaw għall-investigazzjoni tal-ilmenti u għad-deċiżjonijiet ta' arkivjar fil-qasam ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti, u dan peress li r-rikorrenti i) ma ngħatatx aċċess immedjat għad-dokumenti mibgħuta mill-partijiet avversarji u għad-dokumenti tal-proċess u ii) ma kellhiex terminu suffiċjenti sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar dawn id-dokumenti.

---

## Appell ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2010 minn Allen et mid-digriet mogħti mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea fit-13 ta' Lulju 2010 fil-Kawża F-103/09, Allen et vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-433/10 P)**

(2010/C 317/74)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellanti:* John Allen *et* (Horspath, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: K. Lasok, QC u B. Lask, Barrister)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tal-appellanti

— tilqa' l-appell;

— tannulla d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tat-13 ta' Lulju 2010 fil-Kawża F-103/09;

— tirrifjuta l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni ta' ammissibbiltà mqajma mill-appellata; u

— tordna lill-appellata tħallas l-ispejjeż tal-appell.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan l-appell, l-appellanti qed jitolbu l-annullament tad-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (TSP) tat-13 ta' Lulju 2010 fil-Kawża F-103/09 Allen *et* vs Il-Kummissjoni, li permezz tiegħu it-TSP ċaħad bħala inammissibbli r-rikors li permezz tiegħu l-appellanti talbu d-danni u l-annullament ta' deċiżjoni li rrifjutat li jitħallsu d-danni mġarrba minn kull appellant minħabba l-fatt li ma ġewx reklutati bħala membri tal-persunal temporanju tal-Komunitajiet fiż-żmien meta kienu jaħdmu fl-impriża konġunta Joint European Torus (JET).

Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jsostnu li minħabba li f'dan il-kuntest ġie konkluż li japplika l-obbligu li jiġi osservat terminu raġonevoli u, anki li kieku huwa hekk, minħabba l-approċċ tiegħu għat-tul u għall-bidu ta' dan it-terminu, it-TSP mar kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

---

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2010 — Hit Groep vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-436/10)**

(2010/C 317/75)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Hit Groep BV (Haarlem, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: G. van der Wal, G. Oosterhuis u H. Albers, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni sa fejn din issemmi r-rikorrenti, b'mod partikolari l-Artikolu 1(9)(b), l-Artikolu 2(9) u l-Artikolu 4(22) u, sussidjarjament, tannulla l-multa imposta fuq ir-rikorrenti bl-Artikolu 2(9) jew tnaqqasha b'mod ġust;

— tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest ta' din il-proċedura, inklużi l-ispejjeż ta' assistenza legali.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors tar-rikorrenti huwa dirett kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat- ta' Ġunju 2010, C(2010) 4387 finali — Azzar għall-prekompressjoni, indirizzata lilha.

Ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi insostenn tar-rikors tagħha.

— L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod żbaljat u billi wettqet żball ta' liġi, jew mingħajr ebda motivazzjoni jew b'motivazzjoni insuffiċjenti, fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni li r-rikorrenti kisret l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 1998 sas-17 ta' Jannar 2002.

Skont ir-rikorrenti, il-motivazzjoni tal-Kummissjoni hija insuffiċjenti fir-rigward tar-raġunijiet li għalihom ir-rikorrenti kisret l-Artikolu 101 TFUE u li għalihom hija implikata f'dan il-każ mill-Kummissjoni mhux bħala azzjonista li għandha "influwenza determinanti" matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 1998 sas-17 ta' Jannar 2002.

— It-tieni nett, il-Kummissjoni imponiet b'mod żbaljat u billi wettqet żball ta' liġi multa lir-rikorrenti. Skont ir-rikorrenti, l-impożizzjoni ta' multa permezz tad-deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2010 lil impriża bħar-rikorrenti, li waqfet teżerċita attività ekonomika mill-1 ta' Novembru 2004, tmur kontra l-finalità tal-Artikolu 101 TFUE, il-politika Komunitarja fil-qasam ta' multi u l-prinċipju ta' proporzjonalità.

— It-tielet nett, il-Kummissjoni ddeċidiet b'mod żbaljat u billi wettqet żball ta' liġi fl-Artikolu 1(9) tad-deċiżjoni kkontestata li r-rikorrenti kisret l-Artikolu 101 TFUE kif ukoll l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u imponiet minħabba din ir-raġuni multa ta' EUR 6 934 000 fuq ir-rikorrenti peress li, skont il-Kummissjoni, din kienet responsabbli *in solidum* ma' Nedri Spanstaal BV għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 1998 sas-17 ta' Jannar 2002.

Ir-rikorrenti ssostni li, matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 1998 sas-17 ta' Jannar 2002, hija kienet kumpannija holding finanzjarja li ma kellhiex "influwenza deċiżiva" fuq Nedri Spanstaal u li konsegwentement ma tistax tinżamm responsabbli għall-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni imwettaq minn Nedri Spanstaal.

— Ir-raba' nett u, sussidjarjament, il-Kummissjoni b'mod żbaljat u billi wettqet żball ta' liġi imponiet fuq ir-rikorrenti multa li tammonta għal EUR 6 934 000, filwaqt li hija ma kellhiex timponi multa jew inkella multa kunsiderevolment iżgħar.

— Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma kellhiex tieħu d-dħul mill-bejgħ tagħha tas-sena 2003 bħala bażi għad-determinazzjoni tal-limitu ta' 10 % tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti u, fil-każ fejn issir deroga mir-regola ġenerali tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni kellha minn tal-anqas tipprevedi l-konsegwenzi li din kien ser ikollha fil-każ konkret fid-dawl tal-finalitajiet ta' din id-dispożizzjoni. Il-multa ma hijiex, konsegwentement, proporzjonata mad-daqs tal-impriża u ma tissodifax il-kundizzjonijiet imposti mill-ġurisprudenza.

— Il-Kummissjoni kellha tagħti lir-rikorrenti it-tnaqqis ta' klemenza li hija tat lil Nedri Spanstaal.

— Il-Kummissjoni wettqet b'mod żbaljat kalkolu separat tal-multa tar-rikorrenti u kellha tillimita din il-multa għal frazzjoni tal-multa imposta fuq Nedri Spanstaal. Id-deċiżjoni fil-konfronti tar-rikorrenti hija bbażata fuq il-fatt li din kellha holding f'Nedri Spanstaal matul frazzjoni ekwivalenti għal 48/224 tal-perijodu totali li matulu Nedri Spanstall wettqet il-ksur; il-multa ma tosservax il-prinċipju ta' proporzjonalità.

— Il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità billi ma ħaditx inkusiderazzjoni, wara l-applikazzjoni tal-limitu ta' 10 %, tal-tul relattivament limitat tal-perijodu li matulu r-rikorrenti nżammet responsabbli tal-ksur imwettaq minn Nedri Spanstaal, tal-kwalità relattivament limitat tar-responsabbiltà tar-rikorrenti u tad-dħul mill-bejgħ limitat tagħha.

— Il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' trattement ugwali billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni, wara l-applikazzjoni tal-limitu ta' 10 %, tal-tul relattivament limitat tal-perijodu li matulu HIT inżammet responsabbli tal-ksur imwettaq minn Nedri Spanstaal. Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-ammont tal-multa huwa wkoll iddeterminata skont it-tul tal-ksur li għalih l-impriża ppenalizzata hija responsabbli *in solidum*. Il-fatt li l-multa imposta fuq ir-rikorrenti hija ogħla minn dik imposta fuq Nedri Spanstaal ma huwiex kompatibbli ma' dan il-priinċipju.

— Il-ħames nett u, sussidjarjament, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha li tieħu deċiżjoni f'terminu raġonevoli skont l-Artikolu 6(1) tal- KEDB u l-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Waqt id-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, il-Kummissjoni naqset b'mod żbaljat milli tieħu inkunsiderazzjoni il-qbiż tat-terminu raġonevoli. It-tul tal-proċedura inkwistjoni huwa ta' 94 xahar f'dan il-każ, li huwa twil b'mod mhux raġonevoli.